**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 20**
**It-Tlieta, 21 ta' Ġunju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - CEOS**

**396. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella bl-informazzjoni tas-salarji mitluba.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - CEOS**

**397. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija skont is-segwenti tabella:

| ENTITÀ | SALARJU | BENEFIĊĊJI | PERFORMANCE BONUS |
|---|---|---|---|
| HA | €55,091 | €6,000 (Expense Allowance) + €4,658 (Car Allowance) + €2,300 (Communication Allowance) + Disturbance Allowance equivalent to 10% of Salary | Max of 15% of Salary |
| SPML | €55,182 | €4,659 (Car Allowance) + €2,000 (Communication Allowance) | Max of 15% of Salary |
| HME | €55,000 | €5325 (Car Allowance + Mobile Expenses) | €8,250 |

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - CEOS**

**398. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern, is-salarju u benefiċċji allokati għal kull CEO rispettiv.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - CEOS**

**399. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tagħha u fejn huma impjegati? Tista' tagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Qed tiġi preżentata lista ta' CEOs taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Inkluzjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.

| **Entità** | **Salarju** | **Benefiċċji** | **Performance Bonus** |
|---|---|---|---|
| Malta Council for the Voluntary Sector | Imqabbla ma' Skala 3 tal-pagi tas-Servizz Pubbliku | Expense allowance: €2,096 p.a.<br>Car allowance: €4,658 p.a.<br>Communication allowance: €1,600 p.a. | Sa 15% tal-basic salary kull sena |
| Aġenzija Sapport | Imqabbla ma' Skala 2 tal-pagi tas-Servizz Pubbliku | Expense allowance: €6,000 p.a.<br>Car allowance: €4,658 p.a.<br>Communication allowance: €1,600 p.a.<br>Disturbance allowance: Sa 5% tal-basic salary p.a.<br>Management corrector: €8,000 p.a.<br>Cash allowance: €271 p.a.<br>Health Insurance sa massimu ta' €466 p.a. | Sa 15% tal-basic salary kull sena |

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - CEOS**

**400. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - CEOS**

**401. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DIRECT ORDERS**

**832. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm direct ordersingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

24/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – DIRECT ORDERS**

**833. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm direct ordersingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

24/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellanta jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 71.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDERS**

**834. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm direct orders ingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – DIRECT ORDERS**

**835. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm direct ordersingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata

din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

24/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta’ sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – DIRECT ORDERS**

**836. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm direct ordersingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta’ sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – DIRECT ORDERS**

**837. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm direct ordersingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

24/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 78.

Seduta 20
21/06/2022

**PITKALIJA - BDIEWA – TNAQQIS TA’ 1%**

**913. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux minnu li minn din il-ġimgħa lill-bdiewa qed inaqqsulhom 1% oħra 'over and above' id-9% (8% commission lill-pitkala u 1% tal-kaxxi tal-pitkalija) li kienu diġà qed inaqqsulhom minn dak dovut lilhom meta jbiegħu l-prodotti tagħhom fil-pitkalija? Min ser jibbenefika mill-1% addizzjonali li ser ikunu qed iħallsu l-bdiewa?

25/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-commission tal-bdiewa kienet ta’ 8%, li 7% minnha kienet tmur għand l-Aġent tal-Bejgħ, filwaqt li 1% kienet tmur għand il-Malta Food Agency.

Mit-18 ta' Mejju ta' din is-sena, bi qbil li kien hemm mal-ghaqdiet tal-bdiewa, din il-commissionżdiedet għal 9%, maqsuma f'8% għall-Aġenti tal-Bejgħ u 1% għall-Aġenzija.

Seduta 20
21/06/2022

**FARM TO FORK - GREEN DEAL**

**1101. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tal-istrateġija Farm to Fork tal-Unjoni Ewropea u li biha ser ikun hemm stabbiliti l-valuri/ miri nazzjonali li jridu jintlaħqu bħala parti integrali mill-Green Deal, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern ħejjiex pjan speċifiku għal pajjiżna biex jiġi konformi ma' din l-istrateġija?
Jekk fl-affermattiv, jista':
(a) jgħid ma' min (stakeholders, għaqdiet, koperattivi eċċ.) iddiskuta dan il-pjan;
(b) ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dan il-pjan; u
(ċ) jgħid għandux l-approvazzjoni tal-Kabinett għal dan il-pjan?
Jekk fin-negattiv, jista' l-Ministru jagħti r-raġuni għalfejn dan il-pjan għadu ma sarx?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li it-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PJAN STRATEĠIKU GĦALL-PAK GĦAL MALTA**

**1102. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tad-dokument "Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta" (SWD(2020) 387 final), liema dokument ipoġġi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fir-rigward tal-pjan strateġiku tagħhom għall-Politika Agrikola Komuni u partikolarment għall-Artikolu 1.5 - Rakkomandazzjonijiet, jista' l-Ministru jelenka fid-dettall kif il-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu qed jindirizzaw din ir-rakkomandazzjoni (inkluż id-dati ta' meta bdew jiġu implimentati) fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar titjib tal-valur miżjud fis-settur agrikolu u billi jiġu appoġġati l-investimenti fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fil-produzzjoni ta' kwalità?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjonijiet imsemmija ġew indirizzati fl-abbozz tal-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2021. L-għan li jittejjeb il-valur miżjud fis-settur agrikolu u jiġu appoġġati l-investimenti fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fil-produzzjoni ta' kwalità hu maħsub specifikament taħt:
§ Objettiv Speċifiku 1 "*Support viable farm income and resilience of the agricultural sector across the union in order to enhance long-term food security and agricultural diversity as well as ensure the economic sustainability of agricultural production in the Union";*
§ Objettiv Speċifiku 3 *"Improve farmers bargaining position in the supply chain";*
§ Objettiv Speċifiku 5 *"Foster sustainable development and efficient management of natural resources such as water, soil and air, including by reducing chemical dependency".*

Seduta 20
21/06/2022

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PJAN STRATEĠIKU GĦALL-PAK GĦAL MALTA**

**1103. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tad-dokument "Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta" (SWD(2020) 387 final), liema dokument ipoġġi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fir-rigward tal-pjan strateġiku tagħhom għall-Politika Agrikola Komuni u partikolarment għall-Artikolu 1.5 - Rakkomandazzjonijiet, jista' l-Ministru jelenka kif il-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu qed jindirizzaw din ir-rakkomandazzjoni (inkluż dati ta' meta bdew jiġu implimentati) fir-rigward ta' tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina tal-valur billi tiġi appoġġata sħubija akbar tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li twassal għal skambju u kooperazzjoni mtejba tal-għarfien? X'qed jagħmel il-Gvern biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-bdiewa (b'mod partikolari fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex)?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjonijiet imsemmija ġew indirizzati fl-abbozz tal-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2021. L-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina tal-valur u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-bdiewa hu maħsub specifikament taħt:

§ Objettiv Speċifiku 2 *"Enhance market orientation and increase farm competitiveness both in the short and long term, including greater focus on research, technology and digitalisation";*

§ Objettiv Speċifiku 3 *"Improve the farmer's position in the value chain".*

Seduta 20
21/06/2022

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PJAN STRATEĠIKU GĦALL-PAK GĦAL MALTA**

**1104. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tad-dokument "Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta" (SWD(2020) 387 final), liema dokument ipoġġi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fir-rigward tal-pjan strateġiku tagħhom għall-Politika Agrikola Komuni u partikolarment għall-Artikolu 1.5 - Rakkomandazzjonijiet, jista' l-Ministru jelenka kif il-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu qed jindirizzaw din ir-rakkomandazzjoni (inkluż dati ta' meta bdew jiġu implimentati) fir-rigward tat-tisħiħ tal-modernizzazzjoni agrikola u titjib tal-iżvilupp tan-negozju agrikolu biex jiġu attirati bdiewa żgħażagħ billi jiġu indirizzati l-ostakli għad dħul fis-settur (jiġifieri l-aċċess għall-art) u jingħata inċentiv għall-użu ta' teknoloġiji intelliġenti, ekoloġiċi u diġitali?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjonijiet imsemmija ġew indirizzati fl-abbozz tal-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2021. L-għan li jsir tisħiħ tal-modernizzazzjoni agrikola u titjib tal-iżvilupp tan-negozju agrikolubiex jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u inċentiv għall-użu ta' teknoloġiji intelliġenti, ekoloġiċi u diġitali hu maħsub specifikament taħt:

§ Objettiv Speċifiku 2 "*Enhance market orientation and increase farm competitiveness both in the short and long term, including greater focus on research, technology and digitalisation*";

§ Objettiv Speċifiku 5 "*Foster sustainable development and efficient management of natural resources such as water, soil and air*";

§ Objettiv Speċifiku 6 "*Contribute to the protection of biodiversity, enhance ecosystem services and preserve habitats and landscapes*"

§ Objettiv Speċifiku 7: "*Attract and sustain young farmers and new farmers and facilitate sustainable business development in rural areas*".

Seduta 20
21/06/2022

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PJAN STRATEĠIKU GĦALL-PAK GĦAL MALTA**

**1105. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tad-dokument "Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta" (SWD(2020) 387 final), liema dokument ipoġġi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fir-rigward tal-pjan strateġiku tagħhom għall-Politika Agrikola Komuni u partikolarment għall-Artikolu 1.5 - Rakkomandazzjonijiet, jista' l-Ministru jelenka kif il-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu qed jindirizzaw din ir-rakkomandazzjoni (inkluż dati ta' meta bdew jiġu implimentati) fir-rigward ta' żieda fl-impjiegi u ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja fiż-żoni rurali permezz ta' investimenti f'attivitajiet ekonomiċi diversi u fl-iżvilupp ta' servizzi bażiċi?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjonijiet imsemmija ġew indirizzati fl-abbozz tal-Pjan Strateġiku għall-PAK għal Malta li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2021. L-għan li jiżdiedu u jinħolqu l-impjiegi hu maħsub specifikament taħt l-Objettiv Speċifiku 8: *"Promote employment, growth, gender equality, social inclusion and local development in rural areas, including bio-economy and sustainable forestry".*

Seduta 20
21/06/2022

**ĦLAS LIL KUMPANIJA**

**1363. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallset jew qed titħallas il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament biex ġie rilokat l-apparat tas-Cyclotron li tipproduċi t-tracer li jintuża fid-dijanjożi u l-kura tal-Kanċer?

06/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 20
21/06/2022

**SPTAR MATER DEI - AZZJONI INDUSTRIJALI**

**1364. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 25, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, ladarba l-azzjoni industrijali ilha għadejja minn Diċembru 2021, jiġifieri iktar minn ħames xhur, x'qed jagħmel il-management tal-Isptar Mater Dei sabiex is-servizz essenzjali tal-inġinerija ma jaffettwax is-servizz tas-saħħa? Il-Ministru jikkonferma li qed jintuża servizz privat? Jekk iva, kemm qed jiswa kuljum u kemm ġie jiswa fit-total minn mindu bdiet l-azzjoni industrijali sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Xi sforzi qed isiru biex din il-materja tiġi riżolta?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dawn l-azzjonijet industrijali li qed tirreferi għalihom waqfu l-Ġimgħa 17 ta Ġunju.

Seduta 20
21/06/2022

**UŻU TA' CYCLOTRON**

**1365. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jibda jintużal-apparat tas-Cyclotron li jintuża fid-dijanjożi u l-kura tal-Kanċer? Jikkonferma l-Ministru li dan l-apparat, kieku beda jintuża qabel, seta' għen fil-kura tal-kanċer speċjalment meta f'dawn l-aħħar xhur/snin kien hemm okkażjonijiet meta l-konsenja tat-tracer ma waslitx u kellhom jiġu kkanċellati interventi, appuntamenti u operazzjonijiet?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 20
21/06/2022

**TĦASSIR TA' INTERVENTI, APPUNTAMENTI U OPERAZZJONIJIET**

**1366. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena mill-2015 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm tħassru:
a. interventi;
b. appuntamenti; u
ċ. operazzjonijiet minħabba nuqqas ta' konsenja tat-tracer li jinġieb minn Ruma biex jintuża fil-PET Scans?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lil-Onor. Interpellant illi interventi, appuntamenti u operazzjonijiet ma jitħassrux iżda jiġu posposti.

Seduta 20
21/06/2022

**KUMITAT TEKNIKU GĦALL-MEDIĊINI**

**1367. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 7, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika jekk il-kumitat tekniku li jaġġudika liema mediċini jidħlu fuq il-formularju tal-Gvern, minbarra l-Bevacizumab (Avastin) hux qed jikkonsidra wkoll dawn il-mediċini: Brolucizumab (Beovu), Aflibercept (Eylea) u/jew Ranibizumab (Lucentis)?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi il-Kumitat tekniku li jirrakkomanda dawk il-mediċini li jiġu approvati biex jidħlu fil-formularju tal-Gvern qiegħed jevalwa dawk il-mediċini kollha li jaqgħu fl-istess klassi.

Seduta 20
21/06/2022

**IL-QAWRA - ŻBROFF TAD-DRENAĠĠ - INFEZZJONIJIET**

**1368. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-istqarrija numru PR220734, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ġewx rappurtati infezzjonijiet ikkawżati mill-iżbroff tad-drenaġġ fiż-żona tal-Qawra kif indikata fl-istess stqarrija?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-Dipartiment tas-Saħħa investiga każ wieħed possibbli relatat ma' dan l-inċident, però dan irriżulta fin-negattiv.

Seduta 20
21/06/2022

**TAL-PIETÀ U GWARDAMANĠA - PROĠETTI KAPITALI**

**1408. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-proġetti kapitali flimkien mal-ispiża totali għal dawn l-aħħar ħames snin li saru f'Tal-Pietà u Gwardamanġa?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Grand Harbour Regeneration Corporation tinsab fil-process li tibda x-xogħol fuq il-Promenade tal-Pieta jiġifieri l-promenade li jibda miż-żona ta' Sa Maison u twassal sal-ġnien tal-Pietà (ex torpedo depot area). Dan il-proġett huwa stmat li ser jiġi jiswa madwar €2.5 miljun.

Infrastructure Malta għamlet xogħlijiet fi Triq id-Duluri, Triq it-Telgħa ta' Gwardamanġa, Triq Marina, Triq l-Indipendenza u Triq Santa Monika. L-investiment totali ta' dawn ix-xogħlijiet ammonta għal €2,359,286.

Seduta 20
21/06/2022

**SANTA VENERA - PROĠETTI KAPITALI**

**1409. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-proġetti kapitali flimkien mal-ispiża totali għal dawn l-aħħar ħames snin li saru f'Santa Venera?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Santa Venera, Infrasturcture Malta għamlet xogħlijiet fi Triq Reġjonali, Triq il-Kanun, Triq Pietru Dacoutros, Triq il-Brunzar, Triq il-Parroċċa, Triq il-Blata l-Kaħla, Triq Brighella, Triq San Ġorġ, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq Abela, triq ġdida fi Triq il-Kanun, Triq Misraħ il-Barrieri u rrestawrat il-mini ta' Santa Venera. L-investiment totali ta' dawn ix-xogħlijiet ammonta għal €6,136,574.

Seduta 20
21/06/2022

**SANTA VENERA - TRIQ IL-KANUN – FIRE ENGINE STATION**

**1410. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-Fire Engine Station fi Triq il-Kanun, Santa Venera? Jista' jgħid kemm-il metru kwadru ta' art se tieħu u meta se tkun lesta?

08/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li x-xogħol fuq l-istazzjon tat-tifi tan-nar ġewwa Santa Venera nbeda wara li kien intgħażel il-kuntrattur permezz ta' sejħa pubblika għat-tħaffir. Il-kuntrattur waqaf jaħdem wara ftit ġimgħat, bil-konsegwenza li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kellu jittermina l-kuntratt. Dan ġie kkontestat mill-kuntrattur u l-proġett huwa wieqaf sakemm il-kwestjoni tkun riżolta. Sadanittant id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kompla jaħdem biex jitkabbar il-proġett li ser jieħu 4,500 metru kwadru, biex l-istazzjon

tat-tifi tan-nar ta Santa Venera jkun ikbar u jservi wkoll ta' Kwartieri Ġenerali kif ukoll ta' kamra tal-kontroll tal-Protezzjoni Ċivili.

Seduta 20
21/06/2022

**AWTORITÀ GĦALL-PROTEZZJONI TAL-EMBRIJUNI – TALBIET GĦALL-PROĊEDURI TA' IVF**

**1411. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm talbiet pendenti quddiem l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni, kemm għall-proċeduri ta' IVF li jsiru fil-privat u anke dawk provduti mis-settur pubbliku?

08/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sat--Tnejn 20 ta' Ġunju, l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun kellha biss żewg (2) talbiet pendenti għal IVFs/ICSi li ser isiru fis-settur Pubbliku. Ma kien hemm l-ebda talba pendenti għas-Settur privat.

Seduta 20
21/06/2022

**AWTORITÀ GĦALL-PROTEZZJONI TAL-EMBRIJUNI – LAQGĦAT U KAŻIJIET EVALWATI**

**1412. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il każ ġie evalwat u kkonsidrat f'kull laqgħa li saret quddiem l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni għal din l-aħħar sena, billi jipprovdi d-dati tal-laqgħat u t-total ta' każijiet evalwati f'kull laqgħa rispettivament?

08/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2022 sa l-10 ta Ġunju saru 8 sessjonijiet ta' evalwazzjoni u approvazzjonijiet ta' proċeduri tal-IVF/ICSI ġodda li fihom ġew approvati 141 proċedura ta IVF kif deskritt fit-tabella hawn mehmuża:

| Date of EPA board meeting | Procedure | MDH | Private Clinics | |
|---|---|---|---|---|
| 02/02/2022 | ICSI/IVF | 28 | NIL | |
| 25/02/2022 | ICSI/IVF | 19 | NIL | |
| 21/03/2022 | ICSI/IVF | 30 | NIL | |
| 29/04/2022 | ICSI/IVF | 26 | 6 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/05/2022 | ICSI/IVF | 2 | 3 | ONLINE |
| 13/05/2022 | ICSI/IVF | 3 | 2 | ONLINE |
| 27/05/2022 | ICSI/IVF | 8 | 6 | |
| 03/06/2022 | ICSI/IVF | 3 | 5 | ONLINE |

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - KONSULENTI**

**1420. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 290 u 961 u jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-14 ta' Mejju, dan il-Ministeru ħtieġlu jqabbad konsulenzi kif indikat fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 20
21/06/2022

**SA MAISON – GĦOTI TA' PROPRJETÀ PUBBLIKA LILL-INDIVIDWU**

**1479. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema data u b'liema titolu ngħatat il-proprjetà pubblika f'Sa Maison lill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jista' iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt/att/skrittura/deċiżjoni relattiv?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**KUNTRATT LI BIH INDIVDWU QIEGĦED JUZA JUŻA UFFIĊĊJU F'SA MAISON**

**1480. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jippreżenta l-kuntratt li bih l-individwu. li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, qiegħed juża uffiċċju f'Sa Maison? Jekk ma hemmx kuntratt, jista' jagħti l-kundizzjonijiet taħt liema tali użu qiegħed isir, inkluż meta beda tali użu, it-titolu, l-ħlasijiet li qegħdin isiru, u t-terminu tal-użu?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**PROPRJETAJIET 'POSSESSION AND USE'**

**1483. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew mifdija proprjetajiet li kienu f'idejn il-Gvern taħt it-titolu ta' 'Possession and Use' tul dawn l-aħħar ħames snin, possibbilment sena b'sena?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn l-aħħar ħames snin, tlett każijiet ġew mifdija

Seduta 20
21/06/2022

**PROPRJETAJIET 'POSSESSION AND USE'**

**1484. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proprjetajiet f'idejn il-Gvern taħt it-titolu ta' 'Possession and Use' sal-aħħar tas-sena 2021?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2017 lil hawn saru 84 esproprju b'pussess u użu. (Id-data tal-Awtorità hija mill-2017).

Seduta 20
21/06/2022

**IL-FGURA, ĦAL TARXIEN U RAĦAL ĠDID - PROPRJETAJIET 'POSSESSION AND USE'**

**1485. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proprjetajiet f'idejn il-Gvern taħt it-titolu ta' 'Possession and Use' fil-Fgura, Ħal Tarxien, u Raħal Ġdid sal-aħħar tas-sena 2021, u possibbilment jindikahom lokalità b'lokalità?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni li għandha l-Awtorità hija mill-2017 lil hawn. Mill 2017 fil-Fgura ma sar l-ebda esproprju ta' pussess u użu, Ħal-Tarxien sar wieħed u Raħal Ġdid saru erbgħa.

Seduta 20
21/06/2022

**IŻ-ŻEJTUN U ĦAL GĦAXAQ - PROPRJETAJIET 'POSSESSION AND USE'**

**1486. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proprjetajiet sal-aħħar tas-sena 2021 li huma f'idejn il-Gvern

taħt it-titolu ta' 'Possession and Use' li jinsabu fiż-Żejtun u Ħal Ghaxaq u possibbilment jindikahom lokalità b'lokalità?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-records Ii għandha l-Awtorità hija mill-2017. Mill-2017 lil hawn ma kien hemm l-ebda esproprju b'pussess u użu fiż-Żejtun u Ħal-Għaxaq.

Seduta 20
21/06/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SAN LEONARDU – PARKEĠĠ**

**1487. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ingħatax widen għat-talbiet tar-residenti ta' Triq San Leonardu, Ħaż-Żabbar, wara li saret it-triq u b'inkonvenjent għalihom tneħħa l-parkeġġ li kien hemm?

09/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Intant, rigward it-talbiet mir-residenti, ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali wassal il-messaġġ tagħhom lill-entitajiet konċernati.

Seduta 20
21/06/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SAN LEONARDU – PARKEĠĠ**

**1488. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ingħatax widen għat-talbiet tar-residenti ta' Triq San Leonardu, Ħaż-Żabbar, wara li saret it-triq u b'inkonvenjent għalihom tneħħa l-parkeġġ li kien hemm?

09/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 20
21/06/2022

**TRANSPORT MALTA - TENDERS - VARJAZZJONIJIET**

**1525. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tenders maħruġa matul l-aħħar sitt snin minn Transport Malta li jikkonċernaw xogħol infrastrutturali marittimu, li ġew meħtieġa varjazzjonijiet finanzjarji mit-tender minn dak ippubblikat oriġinarjament? Jista' jagħti r-raġunijiet li wasslu għal tali varjazzjonijiet? Jista' jgħid x'passi ttieħdu fil-konfront ta' min fassal il-BoQ, il-pjanti u l-ispeċifikazzjonijiet li abbażi tiegħu ħareġ it-tender?

13/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Kien hemm dawn il-varjazzjonijiet minħabba li s-sitwazzjoni Infrastrutturali Marittima tvarja kontinwament minħabba effetti ambjentali bħal erożjoni mill-baħar u għaldaqstant f'ċertu ċirkostanzi jkun hemm il-ħtieġa li tingħata varjazzjoni għaliex minn meta jkun sar l-istudju sabiex joħroġ it-tender sakemm ikun qed isir ix-xogħol tkun laħqet saret bidla fl-istruttura minn dawn l-effetti ambjentali.

Seduta 20
21/06/2022

**BORD EDITORJALI TAL-PBS - RAPPORTI**

**1548. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1157, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti kollha li ġew ippreżentati mill-Bord Editorjali lill-Bord tad-Diretturi mill-2016 sal-lum?

14/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-mistoqsija numru 1157 m'għandi xejn aktar xi nżid.

Seduta 20
21/06/2022

**PBS - BORD EDITORJALI - MEMBRI**

**1549. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 1016, jista' l-Ministru jgħid meta se jinħatar il-Bord Editorjali tal-PBS, għal liema terminu se jinħatar, u x'se tkun ir-remunerazzjoni tagħhom?

14/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-twegiba tal-mistoqsija parlamentari numru 1016.

Seduta 20
21/06/2022

**PBS – IMPJEGATI**

**1550. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni impjegati mal-PBS fuq bażi full-time u part-time u kemm hemm persuni li jipprovdu servizzi lill-PBS fuq bażi ta' kuntratt?

14/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Impjegati Full time | 104 |
| Impjegati Part time | 1 |
| Impjegati bil-Kuntratt | 18 |

Seduta 20
21/06/2022

**ANIMAL WELFARE – QTATES FOSTERED**

**1556. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Peress li bħalissa jidher li hemm madwar 200 qattus għand il-"foster care" tal-Animal Welfare, jista' l-Ministru jgħid, fuq tul ta' żmien, x'jiġri minn dawn il-qtates li ma jiġux addottati?

14/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern investa f'cattery ta' 900 metru kwadru biex ikun jista' jieħu aktar qtates stray. Dawk il-qtates li ma jiġux adottati permezz ta' fosterers se

jittieħdu lura. Id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali qed jaħdem biex jiżdied in-numru ta' adozzjonijiet.

Seduta 20
21/06/2022

**ANIMAL WELFARE DEPARTMENT – AMBULANZA**

**1557. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba matul dawn l-aħħar sitt xhur intalab is-servizz tal-ambulanza tal-Animal Welfare? L-ambulanza dejjem ikollha fiha persuni kompetenti li jagħtu s-servizz immedjat mediku tagħhom fuq il-post, f'każ ta' bżonn?

14/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul dawn l-aħħar sitt xhur saru 2,285-il talba għas-servizz tal-ambulanza tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali. Fl-ambulanza dejjem ikun hemm Animal Welfare Officer ta' esperjenza.

Seduta 20
21/06/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ IX-XERRIEK – BARUMBARA**

**1583. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega kif barumbara skedata Grad 2 b'valur ta' wirt storiku ġewwa Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk, ingħata fuqha l-permess biex tiġi żviluppata f'binja privata li ser tkun qed tinqasam f'diversi units?

14/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 1583 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 20
21/06/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ IX-XERRIEK – BARUMBARA**

**1584. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jispjega kif barumbara skedata Grad 2 b'valur ta' wirt storiku ġewwa Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk, ingħata fuqha l-permess biex tiġi żviluppata f'binja privata li ser tkun qed tinqasam f'diversi units?

14/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Waqt li nfakkar lill-Onor. Interpellanta li s-Sovrintendenza fil-proċess tal-ippjanar għandha biss funzjoni ta' konsulent, u għalhekk m'għandhiex is-setgħa li toħroġ permessi għall-iżvilupp, nirreferiha għar-risposta mogħtija għad-domanda parlamentari 1585.

Seduta 20
21/06/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ IX-XERRIEK – BARUMBARA**

**1585. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jispjega kif barumbara skedata Grad 2 b'valur ta' wirt storiku ġewwa Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk, ingħata fuqha l-permess biex tiġi żviluppata f'binja privata li ser tkun qed tinqasam f'diversi units?

14/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet permess numru PA 2545/17 fil-5 t'April 2018, biex il-barumbara u l-bini ta' biswit jiġi restawrat u mibdul għall-użu ta' residenza waħda, b'żieda ta' xi kmamar kemm fis-sular terran kif ukoll fl-ewwel sular. Ta' min isemmi illi huwa biss parti mill-bini li jinsab skedat fi Grad 2 ta' protezzjoni li jkopri l-bini oriġinali tal-imsemmija barumbara.

Seduta 20
21/06/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ IX-XERRIEK – BARUMBARA**

**1586. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jispjega kif barumbara skedata Grad 2 b'valur ta' wirt storiku ġewwa Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk, ingħata fuqha l-permess biex tiġi żviluppata f'binja privata li ser tkun qed tinqasam f'diversi units?

14/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 20
21/06/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ IX-XERRIEK – BARUMBARA**

**1587. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tispjega kif ħajt li possibbilment inbena b'mod illegali b'estensjoni ma' barumbara skedata Grad 2 b'valur ta' wirt storiku ġewwa Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk, jibqa' ma jitneħħiex u għaldaqstant ikompli jimblokka lir-residenti tal-madwar milli anke jagħmlu użu tal-garaxx tagħhom minħabba li allura m'għandhomx l-aċċess dovut, u għaldaqstant qed jinkisrilhom dritt fundamentali li jgawdu l-proprjetà tagħhom fil-paċi?

14/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 20
21/06/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ IX-XERRIEK – BARUMBARA**

**1588. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega kif ħajt li possibbilment inbena b'mod illegali b'estensjoni ma' barumbara skedata Grad 2 b'valur ta' wirt storiku ġewwa Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk, jibqa' ma jitneħħiex u għaldaqstant ikompli jimblokka lir-residenti tal-madwar milli anke jagħmlu użu tal-garaxx tagħhom minħabba li allura m'għandhomx l-aċċess dovut, u għaldaqstant qed jinkisrilhom dritt fundamentali li jgawdu l-proprjetà tagħhom fil-paċi?

14/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 1588 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 20
21/06/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IL-€500 FIX-XAHAR**

**1599. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 692 u jgħid kemm persuni kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni taħt is-somma ta' €500 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021? Jista' jindika dan kategorija b'kategorija, u wkoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

14/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 20
21/06/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IS-€700 FIX-XAHAR**

**1600. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 693 u jgħid kemm persuni kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni taħt is-somma ta' €700 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021? Jista' jindika dan kategorija b'kategorija u wkoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

14/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 20

21/06/2022

**ADOZZJONI TA' TFAL MINN PAJJIŻI BARRANIN**

**1607. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew addottati tfal minn pajjiżi barranin matul is-sena l-oħra?

14/06/2022

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 20
21/06/2022

**DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET - KUMPENS GĦALL-ESPROPRJAZZJONI**

**1608. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jispjega kif kien jinħadem il-kumpens għall-esproprjazzjoni qabel l-2017 u kif qiegħed jinħadem issa?

14/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Il-kumpens illum jinħadem kif ġej, jekk diġa kien hemm gazzetta tal-Gvern tal-President jew Gvernatur Generali u qatt ma kien ħareg avviz ta' ftehim, allura l-valur tal-art jittieħed fid-data ta' meta ħarget il-Gazzetta originali u jiġi aġġustat bl-indiċi tal-inflazzjoni sallum
Jekk kien avviz ta'ftehim u l-kumpens offrut f'tali avviz kien aċċettat mis-sid, allura l-kumpens dovut ikun dak l-ammont indikat fl-avviz ta' ftehim, aġġustat bl-indici tal-inflazzjoni sallum

Seduta 20
21/06/2022

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – PERMESSI GĦAL POSTIJIET RISERVATI BIEX JIPPARKJAW CARAVANS**

**1609. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fejn u jipprovdi pjanti u lista tal-areas f'Malta u Għawdex li l-Awtorità tal-Artijiet ħarġet permessi għall-postijiet riservati biex jipparkjaw caravans għal din is-sena, l-2022?

14/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li għas-sena 2022, ma ħarġu l-ebda konċessjonijiet (encroachments) għal ipparkjar ta' caravans.

Seduta 20
21/06/2022

**GŻIRA - TRIQ CARLO MANCHè - XOGĦLIJIET**

**1617. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta x-xogħol fi Triq Carlo Manchè, il-Gżira, li issa ilha iktar minn tliet xhur magħluqa?

15/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fl-ewwel ħames xhur tal-2022, ir-raba' sena tal-programm nazzjonali għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 90 triq residenzjali li flimkien iġibu 19-il kilometru oħra ta' toroq b'infrastruttura ta' kwalità ogħla. Dan ifisser medja ta' erba' toroq fil-ġimgħa kif kienet fl-2021 li matulha l-aġenzija lestiet 220 triq residenzjali.

Infrastructure Malta tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li kompliet għaddejja bi proġetti kbar f'toroq arterjali u faċilitajiet marittimi f'pajjiżna, ukoll b'ħidma ta' titjib tat-toroq rurali u programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.

Fil-Gżira l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Luqa Briffa, Triq Nazju Ellul, Triq San Ġorġ, Triq il-Gżira u Triq Sliema, waqt li bħalissa għaddejja b'xogħlijiet simili f'toroq oħrajn. Fost dawn hemm proġett li qed twettaq f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fi Triq Manoel De Vilhena u Triq Carlo Manche li jinsabu fil-qalba tal-lokalità ħdejn il-Knisja Parrokkjali.

Infrastructure Malta qed tagħmel ix-xogħlijiet ta' bdil ta' diversi servizzi taħt l-art, issaħħaħ il-pedamenti tat-triq u tiksiha b'sodda tal-konkos biex imbagħad isir pavimentar mid-Dipartiment imsemmi. Ix-xogħlijiet min-naħa tal-aġenzija fi Triq Carlo Manchè huma lesti.

Seduta 20
21/06/2022

**IRZIEZET F'MALTA**

**1619. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm irziezet waqfu jew għalqu milli jkomplu joperaw f'Malta mill-2016 sal-lum? Jista' jagħti kemm għalqu sena b'sena, lokalità b'lokalità?

15/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**WELFARE OFFICERS**

**1620. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li jagħmlu xogħol ta' Welfare Officers li huma jew mislufin minn dipartiment/dipartimenti oħra u/jew ma daħlux jaħdmu direttament bħala AW Officers?

15/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**ANNIMALI LI TRAQQDU MILL-ANIMAL WELFARE**

**1621. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm traqqdu annimali mill-Animal Welfare matul dawn l-aħħar 12-il xahar?

15/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**ANIMAL WELFARE – KLIEB LI NĠABRU BL-AMBULANZA LI KIENU ĊĊIPPJATI**

**1622. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klieb li kienu ċċippjati li nġabru bl-ambulanza? Kemm minnhom ma ngħatawx lura lil sidhom?

15/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**BELT VALLETTA - FORTIFICATIONS INTERPRETATION CENTRE**

**1625. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra għalfejn il-Fortifications Interpretation Centre fil-Belt Valletta jinsab magħluq? Jista' wkoll jinformana meta hu ppjanat li jerġa' jinfetaħ?

15/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li bħalissa l-Fortification Interpretation Centre jinsab magħluq għaliex qed isiru xogħlijiet ta' konsolidazzjoni u disinji kunċettwali u infrastrutturali sabiex jitfassal proġett ġdid minn Heritage Malta.

Seduta 20
21/06/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1626. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 20
21/06/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1627. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellantilli ma sar l-ebda ħlas jew pagament mill-2017 sal-lum lil One TV jew One Productions biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso.

Seduta 20
21/06/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1628. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 20
21/06/2022

**GĦAWDEX – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1672. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 95 u jgħid fl-aħħar żewġ leġiżlaturi (2013–2022) kemm saru toroq jew partijiet minn toroq f'Għawdex li ngħataw il-base course biss u sal-lum għadhom ma ngħatawx il-wiċċ finali? Jista' jagħti l-ismijiet ta' dawn it-toroq u kemm hi l-area f'metri kwadri li għadha bil-base course?

16/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-toroq li ngħataw base course biss huma Triq tal-Ħanaq, Triq Franġisk Portelli, parti minn Triq ta' Sdieri, Triq l-Imgħallem, Triq Daħlet Qorrot u Triq l-Imġarr. Ix-xogħol fuq il-maġġor parti tagħhom għadu għaddej u se jingħataw il-wearing course daqt.

Seduta 20
21/06/2022

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI – KAŻIJIET MINN GĦAWDEX**

**1673. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1464, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid għaliex każijiet quddiem it-Tribunal Industrijali li jitressqu minn persuni li jirrisjedu f'Għawdex kontra persuni jew kumpaniji li joperaw f'Għawdex, iridu bilfors jinstemgħu f'Malta? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex dawn jibdew jinstemgħu f'Għawdex stess?

16/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-artikolu 73(9) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jistipula li r-reġistru tat-Tribunal Industrijali huwa r-reġistru tal-Qrati Superjuri. Mill-informazzjoni li ġbart, ninsab infurmat li biex każijiet quddiem it-Tribunal Industrijali li jitressqu minn persuni li jirrisjedu f'Għawdex kontra persuni jew kumpaniji li joperaw f'Għawdex, jinstemgħu f'Għawdex, irid ikun hemm tisħiħ amministrattiv. Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern huwa kommess li jkompli jsaħħaħ f'dan ir-rigward.

Seduta 20
21/06/2022

**QRATI: BORD TAL-ARBITRAĠĠ DWAR L-ARTIJIET – KAŻIJIET TA' RESIDENTI**

**1674. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu jżomm milli l-każijiet ta' residenti minn Għawdex quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet jinstemgħu fil-Qorti ta' Għawdex minflok fil-Qorti ta' Malta? Jaf li ħafna nies li tkun itteħditilhom art mill-Gvern b'esproprjazzjoni jkollhom għal snin sħaħ imorru minn Għawdex għal Malta kull darba li jkollhom smigħ quddiem dan il-Bord? Jista' jieħu passi biex dawn il-każijiet jibdew jinstemgħu f'Għawdex stess?

16/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dak li qed jirreferi għalih jinsab fuq quddiem tal-aġenda tiegħi u ninsabu kommessi li dawn il-każijiet jibdew jinstemgħu fil-Qorti t'Għawdex stess fi żmien li ġej.

Seduta 20
21/06/2022

**MGA – ĦATRA TAL-MEMBRI TAL-BORD**

**1675. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1169 u ċjoè: Jista' attwalment jgħid min huma ċ-chairperson, id-deputy chairperson u l-membri tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (MGA)? Jista' jgħid f'kull każ meta kull persuna ġiet maħtura u għal kemm żmien kienet il-ħatra attwali, u jekk il-ħatra attwali hijiex l-ewwel jew it-tieni ħatra tal-persuna konċernata?

16/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**MCA - ĦATRA TAL-MEMBRI TAL-BORD**

**1676. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1170 u ċjoè: Jista' jgħid attwalment min huma ċ-chairperson, id-deputy chairperson u l-membri tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA)? Jista' jgħid

f'kull każ meta kull persuna ġiet maħtura u għal kemm żmien kienet il-ħatra attwali, u jekk il-ħatra attwali hijiex l-ewwel jew it-tieni ħatra tal-persuna konċernata?

16/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**MELLIEĦA – DRENAĠĠ LI QED JASAL SAL-IMPJANT TAĊ-ĊUMNIJA**

**1684. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar kif varja l-volum tad-drenaġġ li qed jasal sal-impjant taċ-Ċumnija limiti tal-Mellieħa, kull sena, mill-2010 sal-lum?

16/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Sena** | **Drenaġġ Ittrattat** |
|---|---|
| Miljun Metru Kubu | |
| 2010 | 2.42 |
| 2011 | 2.98 |
| 2012 | 3.17 |
| 2013 | 3.40 |
| 2014 | 3.04 |
| 2015 | 3.15 |
| 2016 | 3.67 |
| 2017 | 3.60 |
| 2018 | 3.56 |
| 2019 | 3.47 |
| 2020 | 3.16 |
| 2021 | 3.21 |

Seduta 20
21/06/2022

**MELLIEĦA – ILMA LI JKUN ISSAFFA MID-DRENAĠĠ FL-IMPJANT TAĊ-ĊUMNIJA**

**1685. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar fiex wasal ix-xogħol marbut mal-provvista ta' ilma wara li jkun issaffa mid-drenaġġ fl-impjant taċ-Ċumnija limiti tal-Mellieħa? Meta kellu jitlesta x-xogħol marbut mat-twassil ta' dan l-ilma għand il-bdiewa? Fiex wasal ix-xogħol u meta mistenni jitlesta l-proġett kollu? Kemm bdiewa huma mistennija li jingħataw ilma minn din is-sistema? Sal-lum liema nħawi huma diġà pprovduti minn dan l-ilma u kemm bdiewa qed jużaw l-istess ilma?

16/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġett tan-New Water fit-Tramuntana ta' Malta qed iwassal għar-riżultati pożittivi. B'dan l-investimenti bla preċedent li sar minn dan il-Gvern f'din il-miżura innovattiva u ambjentali, fl-2021 ilħaqna rekord ta' 831,000 metru kubu ta' New Water f'dak li jirrigwarda produzzjoni, id-doppju ta' dak li konna ilħaqna fis-sena 2019, u 6% iżjed mill-ammont li lħaqna fl-2020.

Se nkomplu ntejbu fuq li diġà sar sabiex nilħqu iżjed bdiewa, se nkomplu ninvestu biex insaħħu u intejbu l-produzzjoni, iva anke b'investiment dirett fuq l-impjant. Bħalissa għadna kemm nedejna espansjoni tan-network fiż-żona b'investiment ta' kważi sitt miljun ewro. Network ġdida li tkompli żżid ma' dak li diġà hemm biex inkomplu nilħqu l-aspettattivi u l-bżonnijiet tal-bdiewa tagħna. Bdiewa li qed jirrikorru b'fiduċja għal dan is-servizz, bin-numri jiżdiedu minn sena għal oħra. Fis-sena 2021 kellna 'l fuq min 1100 klijent tan-New Water, żieda ta' 'l fuq min 300 utent fuq is-sena ta' qabel.

Seduta 20
21/06/2022

**BDIEWA REĠISTRATI**

**1686. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hemm bdiewa reġistrati, kemm full time kif ukoll part time, separatament għal kull wieħed minn dawn l-age groups:
a) taħt l-20 sena,
b) bejn il-21 u t-30 sena,
c) bejn il-31 u l-40 sena,
d) bejn il-41 u l-50 sena,
e) bejn il-51 u s-60 sena, u
f) 'l fuq minn 60 sena?

16/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentaru Nru 142.

Seduta 20
21/06/2022

**TA' QALI: PITKALIJA – XOGĦOL TA' TIBDIL STRUTTURALI**

**1687. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar meta mistenni jsir xogħol ta' tibdil strutturali fil-Pitkalija f'Ta' Qali? Meta mistenni jitlesta dan ix-xogħol? Fiex jikkonsisti x-xogħol li għandu jsir?

16/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li it-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 20
21/06/2022

**POST FEJN JIĠI PPROĊESSAT IL-ĦALIB**

**1688. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk hemmx il-ħsieb li jinbidel il-post li fih jiġi pproċessat il-ħalib qabel jitwassal għand il-konsumatur, kemm bħala ħalib frisk kif ukoll bħala prodotti oħra li jsiru mill-istess ħalib? Jekk fil-fatt hemm il-pjan li din il-bidla sseħħ, jista' jagħti tagħrif dwar meta mistenni li din il-bidla sseħħ u fejn hu mistenni li tiġi rilokata?

16/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjin diskussjonijiet dwar is-suġġett.

Seduta 20
21/06/2022

**E-SCOOTERS - PARKEĠĠ**

**1690. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Għal kull lokalità f'Malta, jista' l-Ministru jgħid fejn huma d-"designated areas" biex jiġu pparkjati l-e-scooters?

17/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-postijiet ta' parkeġġ, jew aħjar, fejn jistgħu jiġu pparkeġġjati, l-scooters qegħdin imniżżlin fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.67, Taqsima IV.

Seduta 20
21/06/2022

**E-SCOOTERS - KONTRAVVENZJONIJIET**

**1691. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu kontravvenzjonijiet lil sewwieqa ta' e-scooters bejn Jannar 2021 u Diċembru 2021, lokalità b'lokalità? X'inhuma r-raġunijiet li ngħataw dawn il-kontravvenzjonijiet?

17/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-uffiċjali tal-Awtorità tat-Transport iwiddbu fejn jaraw xi nuqqasijiet biss għad m'għandhomx il-poteri biex joħorġu kontravenzjonijiet relatat ma' dan il-mezz ta' transport. Nirreferi wkoll lill-Onor. Interpellant għall-Mistoqsija Parlamentari 1693.

Seduta 20
21/06/2022

**E-SCOOTERS - KONTRAVVENZJONIJIET**

**1692. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu kontravvenzjonijiet lil sewwieqa ta' e-scooters bejn Jannar 2022 u Mejju 2022, skont il-lokalitajiet? X'inhuma r-raġunijiet li ngħataw dawn il-kontravvenzjonijiet?

17/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsijiet Parlamentari numri 1691 u 1694.

Seduta 20
21/06/2022

**E-SCOOTERS - KONTRAVVENZJONIJIET**

**1693. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu kontravvenzjonijiet lil sewwieqa u/jew sidien ta' e-scooters bejn Jannar 2021 u Diċembru 2021, lokalità b'lokalità? X'inhuma r-raġunijiet li ngħataw dawn il-kontravvenzjonijiet?

17/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi skont is-sistema elettronika li fiha jiġu rreġistrati ċ-ċitazzjonijiet, in-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu għal e-scooters mill-pulizija u l-uffiċċjali tal-Aġenzija LESA, bejn Jannar 2021 u Diċembru 2021, kien ta' erbat elef, seba' mija u tnejn (4702). Fit-tabelli riprodotti hawn taħt hemm imniżżel f'liema lokalitajiet inħarġu u r-raġunijiet għaliex inħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet:

| | 2021 Total |
|---|---|
| **Offence Locality** | |
| SLIEMA | 1,275 |
| SAN ĠILJAN | 1,110 |
| GŻIRA | 554 |
| MSIDA | 532 |
| SAN ĠWANN | 273 |
| BIRKIRKARA | 186 |
| VALLETTA | 118 |
| TA' XBIEX | 128 |
| SWIEQI | 118 |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 111 |
| PIETÀ | 54 |
| SANTA VENERA | 47 |
| ĦAMRUN | 41 |
| FLORIANA | 40 |
| PEMBROKE | 29 |
| MARSA | 23 |
| NAXXAR | 19 |
| ATTARD | 11 |
| QORMI | 8 |
| BALZAN | 8 |
| MOSTA | 5 |
| GĦARGĦUR | 4 |
| IKLIN | 2 |
| LIJA | 2 |
| LUQA | 2 |
| ŻEBBUĠ | 1 |
| FGURA | 1 |
| **Grand Total** | **4,702** |

| **E-Scooters contraventions by type from 1st January 2021 to 31st December 2021** | **2021 Total** |
|---|---|
| **Offence** | |
| Driver causes obstruction or inconvenience to public. | 1,491 |
| Parking on the pavement. | 1,253 |
| Obstructing free passage. | 724 |
| Contravening Carriageway Marking (No Stopping - double yellow line) | 646 |
| No motor vehicle may be left in any road in contravention of any parking regulations or in such a position or in such circumstances as to be likely to cause danger /obstruction to other persons using the road | 193 |
| You drove/rode, or permitted to be ridden, a motorized scooter on a road, on footpaths or on promenades | 84 |
| Contravening Carriageway Marking (Other carriageway marking contraventions) | 74 |
| You parked or left unattended any motor vehicle or trailer in any place where parking is prohibited | 50 |
| Parking within 5 metres of corner. | 32 |
| Contravening Traffic Sign (No Entry from this side) | 23 |
| Drove or caused to stand a motor vehicle without the vehicle licence disc being affixed to the motorcycle handlebar or on the left side of the mentioned motorcycle | 9 |
| Obstructing garage. | 16 |
| As a driver, the motor vehicle was overloaded with passengers or goods as to constitute danger either to the passengers carried therein or thereon or to third parties | 13 |
| As the owner of the vehicle you failed to ensure that the vehicle was at all times covered by the necessary licence | 1 |
| Parked any motor vehicle in a reserved area without permit | 9 |

| | |
|---|---|
| Contravening Carriageway Marking (Stop line) | 10 |
| Contravening Traffic Sign (No waiting) | 9 |
| Contravening Carriageway Marking (Continuous white line) | 5 |
| Parked or left unattended any unauthorised motor vehicle on a designated parking for disabled persons reserved by the Authority | 8 |
| Parking within 4 metres of pedestrian crossing. | 7 |
| You drove/rode a moped while carrying another person when the vehicle was not adapted to carry more than one person | 5 |
| Contravening Carriageway Marking (No Waiting - single yellow line) | 5 |
| Contravening Traffic Sign (Other traffic sign contraventions) | 5 |
| Failed to abide any order, indication or signal given or made by a Police or Community Officer | 4 |
| You stopped within 6 metres of any corner or left the motor vehicle within the area of the white lines or studs | 4 |
| Drove or caused to stand a motor vehicle without the vehicle licence disc being affixed to the vehicle windscreen in such a position as to be visible from the front | |
| As the owner of the motor vehicle, you failed to ensure that the vehicle was at all times covered by the necessary licence issued by the Authority | |
| While parked in a designated parking space for disabled persons, you failed to prominently display the Blue Badge where it should be clearly visible | 3 |
| Failed to remove, when ordered to do so by the Police, Community Officer or Local Council representative, any apparatus which is causing inconvenience or is of danger to the public; | 3 |
| Contravening Traffic Sign (Non observance of Directional Sign) | 2 |
| Contravening Traffic Sign (Bus Stop / Fare Stage) | 2 |
| Parked a vehicle on which neither any valid permit nor a parking disc are displayed | 1 |
| Parking within 12 metres of bus stop. | 2 |
| Used a motor vehicle or left it parked on a public highway without the necessary licence | 2 |
| You were being ridden/carried on a moped when the vehicle was not adapted to carry more than one person, other than the driver | 1 |
| Parking motorcycles parallel to kerb. | 1 |
| Driver not in possession of requisite licence. | 1 |
| Parked a non-permitted vehicle for a period exceeding the restrictive prescribed period | 1 |
| Contravening Carriageway Marking (Pedestrian Crossing) | 1 |
| Parking round roundabout or traffic island. | 1 |
| Motorcycle carrying more than one pinion rider or riding without crash helmet. | 1 |
| **Grand Total** | **4,702** |

Seduta 20
21/06/2022

**E-SCOOTERS - KONTRAVVENZJONIJIET**

**1694. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu kontravvenzjonijiet lil sewwieqa u/jew sidien ta' e-scooters bejn Jannar 2022 u Mejju 2022, lokalità b'lokalità? X'inhuma r-raġunijiet li ngħataw dawn il-kontravvenzjonijiet?

17/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi skont is-sistema elettronika li fiha jiġu rreġistrati ċ-ċitazzjonijiet, in-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu għal e-scooters mill-pulizija u l-uffiċjali tal-Aġenzija LESA, bejn Jannar u Mejju 2022, kien ta' mija u tmienja u għoxrin. Fit-tabelli riprodotti hawn taħt hemm imniżżel f'liema lokalitajiet inħarġu u r-raġunijiet għaliex inħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet:

| | **2022 Total** |
|---|---|
| **Offence Locality** | |
| SLIEMA | 45 |
| SAN ĠILJAN | 18 |
| GŻIRA | 9 |

| | |
|---|---|
| MSIDA | 10 |
| SAN ĠWANN | 2 |
| BIRKIRKARA | 2 |
| VALLETTA | 15 |
| TA’ XBIEX | 4 |
| SWIEQI | 3 |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 7 |
| PIETÀ | 2 |
| SANTA VENERA | 3 |
| ĦAMRUN | 4 |
| MARSA | 4 |
| **Grand Total** | **128** |

| Kontravvenzjonijiet ta' e-scooters bejn Jannar 2022 u Mejju 2022, u r-raġunijiet li ngħataw dawn il-kontravvenzjonijiet<br>**Offence Locality** | **2022 Total** |
|---|---|
| Driver causes obstruction or inconvenience to public. | 3 |
| Parking on the pavement. | 42 |
| Obstructing free passage. | 13 |
| Contravening Carriageway Marking (No Stopping - double yellow line) | 14 |
| No motor vehicle may be left in any road in contravention of any parking regulations or in such a position or in such circumstances as to be likely to cause danger or obstruction to other persons using the road | |
| You drove/rode, or permitted to be ridden, a motorized scooter on a road, on footpaths or on promenades | |
| Contravening Carriageway Marking (Other carriageway marking contraventions) | |
| You parked or left unattended any motor vehicle or trailer in any place where parking is prohibited | 18 |
| Parking within 5 metres of corner. | 7 |
| Contravening Traffic Sign (No Entry from this side) | |
| Drove or caused to stand a motor vehicle without the vehicle licence disc being affixed to the motorcycle handlebar or on the left side of the mentioned motorcycle | 8 |
| Obstructing garage. | |
| As a driver, the motor vehicle was overloaded with passengers or goods as to constitute danger either to the passengers carried therein or thereon or to third parties | |
| As the owner of the vehicle you failed to ensure that the vehicle was at all times covered by the necessary licence | 11 |
| Parked any motor vehicle in a reserved area without permit | 1 |
| Contravening Carriageway Marking (Stop line) | |
| Contravening Traffic Sign (No waiting) | |
| Contravening Carriageway Marking (Continuous white line) | 3 |
| Parked or left unattended any unauthorised motor vehicle on a designated parking for disabled persons reserved by the Authority | |

| | |
|---|---|
| Parking within 4 metres of pedestrian crossing. | |
| You drove/rode a moped while carrying another person when the vehicle was not adapted to carry more than one person | |
| Contravening Carriageway Marking No Waiting - single yellow line) | |
| Contravening Traffic Sign (Other traffic sign contraventions) | |
| Failed to abide any order, indication or signal given or made by a Police or Community Officer | |
| You stopped within 6 metres of any corner or left the motor vehicle within the area of the white lines or studs | |
| Drove or caused to stand a motor vehicle without the vehicle licence disc being affixed to the vehicle windscreen in such a position as to be visible from the front | 4 |
| As the owner of the motor vehicle, you failed to ensure that the vehicle was at all times covered by the necessary licence issued by the Authority | 3 |
| While parked in a designated parking space for disabled persons, you failed to prominently display the Blue Badge where it should be clearly visible | |
| Failed to remove, when ordered to do so by the Police, Community Officer or Local Council representative, any apparatus which is causing inconvenience or is of danger to the public; | |
| Contravening Traffic Sign (Non observance of Directional Sign) | |
| Contravening Traffic Sign (Bus Stop / Fare Stage) | |
| Parked a vehicle on which neither any valid permit nor a parking disc are displayed | 1 |
| Parking within 12 metres of bus stop. | |
| Used a motor vehicle or left it parked on a public highway without the necessary licence | |
| You were being ridden/carried on a moped when the vehicle was not adapted to carry more than one person, other than the driver | |
| Parking motorcycles parallel to kerb. | |
| Driver not in possession of requisite licence. | |
| Parked a non-permitted vehicle for a period exceeding the restrictive prescribed period | |
| Contravening Carriageway Marking (Pedestrian Crossing) | |
| Parking round roundabout or traffic island. | |
| Motorcycle carrying more than one pinion rider or riding without crash helmet. | |
| **Grand Total** | **128** |

Seduta 20
21/06/2022

**PROPOSTI RIGWARD ŻVILUPPI F'GĦAWDEX**

**1708. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm, minn aktar minn 30 proposta li saru mis-Sindki kollha Għawdxin f'rapport li ppreżentaw lill-predeċessur tiegħu dwar l-iżvilup f'Għawdex, fil-fatt ġew attwati sal-lum? Jista' jgħid f'kull każ fejn wasal ix-xogħol fuq kull waħda minn dawn il-proposti u meta hu mistenni li jitwettqu? Jekk hemm minn dawn il-proposti li ma ġewx aċċettati mill-Gvern jista' jgħid liema huma u x'inhi r-raġuni li ma ġewx aċċettati?

17/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat illi l-Awtorità analizzat id-dokumenti preżentati mir-Reġjun ta' Għawdex lill-Ministru tal-Ambjent u l-Ippjanar waqt il-laqgħa tat-13 t'April 2021 li fih ukoll ġabra ta' proposti mħejjija mill-Kunsilli Lokali kif spjegati mir-rappreżentant tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex waqt il-laqgħa mal-Kumitat Parlamentari Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex nhar l-10 ta' Mejju 2021.
Illi filwaqt li numru ta' proposti diġà qegħdin fis-seħħ kemm fl-ambitu leġiżlattiv kif ukoll proċedurali, hemm diversi proposti li huma ġeneriċi li jistgħu japplikaw għal kull reġjun f'Malta u Għawdex imma li jirrikjedu studju aktar fit-tul, kif ukoll tibdiliet neċessarji kemm fil-liġijiet u regolamenti, kif ukoll fil-pjanijiet u policies skont il-każ.

Seduta 20
21/06/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ L-GĦARGĦAR 1979 – TIBDIL FL-GĦOLI TAL-ĦITAN**

**1709. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra jekk kienx hemm tibdil fl-għoli tal-ħitan mis-simulazzjoni diġitali li kienet intweriet fit-tnedija tal-proġett tal-ġnien fi Triq l-Għargħar 1979 f'Ħal Qormi, liema proġett qiegħed jiġi implimentat mill-Wasterserv?

17/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskop ta' kull simulazzjoni diġitali hu li jippreżenta l-kunċett ġenerali tal-proġett. Fil-każ tal-ġnien imsemmi, dan il-kunċett kompla jiġi żviluppat fil-kors tal-implimentazzjoni li f'dan il-każ saret permezz ta' sejħa għal "design and build".

Seduta 20
21/06/2022